22002D0149

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 149/2002

tat-8 ta' Novembru 2002

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar Iż-Żona Ekonomika Ewropea, hekk kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar Iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed il-quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment Artikolu 98 ta' l-istess Ftehim,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 134/2002 tas-27 ta' Settembru 2002 ([1]).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001 tat-28 ta' Diċembru 2001 li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 dwar is-sorveljanza w il-kontroll tal-ġarr ta' l-iskart ġewwa, barra u fil-Komunità Ewropea ([2]),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud f'punt 32ċ (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93) ta' l-Anness XX tal-Ftehim:

"– **32001 R 2557**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001 tat-28 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 349, tal-31.12.2001, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi ta' Regolament (KE) Nru 2557/2001 fil-lingwa ta' L-Islanda u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha sseħħ fid-9 ta' Novembru 2002, iżda in-notifikazzjonijiet taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għandhom jiġu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 336, tat-12.12.2002, p. 34.
([2]) ĠU L 349, tal-31.12.2001, s. 1.
(*) M'hemm l-ebda indikazzjoni ta' kondizzjonijiet kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjail tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Novembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kjartan JÓHANNSSON